## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1052/2021**

**ANTON MICALLEF (KI 498458M)**
**U B'DIGRIET TAT-2 TA' MARZU 2022 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI F'ISEM**
**MELINA MICALLEF (KI 404962M)**
**STANTE L-MEWT TA' ŻEWĠHA L-ATTUR ANTON MICALLEF**
**U DAVID MICALLEF (KI 0343448M)**

**VS**

**MARY ANNE SIVE MIRIAM MICALLEF (KI 397651M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba sabiex jiġi dikjarat illi r-rikorrenti Anton u David Micallef huma l-uniċi eredi universali tal-ġenituri tagħhom, per konsegwenza tal-fatt illi l-konvenuta Mary Anne sive Miriam Micallef naqset milli toqgħod għall-kondizzjonijiet imposti fit-testment *unica charta* tal-ġenituri tagħhom;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fil-ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2021, **<u>Anton Micallef u David Micallef</u>** ippremettew:

   a. *Illi l-partijiet huma ulied il-mejtin Paul Micallef li miet fis-6 ta' Jannar 2007 u ta' Carmela Micallef li mietet fit-23 ta' Marzu 2015;*

   b. *Illi l-wirt tal-mejtin Paul Micallef u Carmela Micallef huwa regolat permezz ta' testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara datat 15 ta' Gunju 2004;*

   c. *Illi skond is-sitt artikolu tat-testment unica charta fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara it-testaturi hatru "bhala werrieta universali taghhom, padruni assoluti ta' l-assi ereditarji taghhom lil uliedhom kollha mitwielda miz-zwieg taghhom ta' bejniethom, bis-sostituzzjoni ta' wlied u dixxendenti f'kaz ta' premorjenza ta' xi wiehed mill-werrieta, u fin-nuqqas ta' dixxendenti bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom."*

   d. *Illi inoltre, l-artikolu sebgha (7) tal-istess testment ighid hekk; "It-Testaturi jridu u jordnaw illi jekk xi wiehed mill-werrieta jonqos milli jimmetti minnufih lis-superstiti fost it-testaturi fil-legati reciproci mhollija mill-istess testaturi fl-ewwel artikolu ta' dan it-testment,* ***jew b'xi mod jew iehor juri li ma jkunx irid joqghod ghax-xewqat tat-testaturi, kif hawn imfissra, allura dan il-werriet li jkun hekk naqas, jitlef kull dritt u beneficcju minn dan it-testment, u jiehu biss il-legittima****, b'dan illi f'kull kaz, Miriam Micallef ma tkun tista titlef qatt il-legat imholli ghaf-favur taghha fit-tieni artikolu ta' dan it-testment, u cioe` l-uzufrutt tad-dar tar-residenza taghhom, jigifieri d-dar tat-testaturi li ggib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, ghal hajjitha kollha mill-ghatba l-gewwa, komprizi jigifieri l-effetti mobbli fl-istess dar, pero` eskluzi minn dan il-prelegat il-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli ohra li jirraprezentaw*

*flus, oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz, inkluz il-garage sottostanti ghal din id-dar."*

e. *Illi t-tmien (8) artikolu tal-imsemmi testment jistipula car illi l-konvenuta kienet obbligata tikkopera ma' hutha l-atturi waqt il-qsim u/jew bejgh/trasferiment tal-proprjeta` l-ohra kollha li ser tithalla lilhom mit-testaturi illi "**u l-istess Miriam Micallef ghandha tikkopera ma' hutha l-ohra waqt il-qsim u/jew bejgh/trasferiment tal-proprjeta` l-ohra kollha li ser tithalla lilhom mit-testaturi**";*

f. *Illi sa llum ghad ma sarx il-qsim tal-wirt tat-testaturi ġenituri tal-partijiet, stante n-nuqqas ta' kooperazzjoni assoluta min-naha tal-konvenuta u dan nonostante l-fatt li dejjem inghatat kull informazzjoni mitluba minnha dwar il-gestjoni u amministrazzjoni tal-flus bankarji u investimenti ohra u inghatat kull ghajnuna minn-hutha kif stipulat fl-istess testment;*

g. *Illi hija tokkupa l-fondi imsemmija fit-testment fuq imsemmi b'dan illi pero` il-kontijiet tad-dawl u ilma u servizzi l-ohra ghadhom s'issa intestati f'isem it-testatur Paul Micallef u tali fondi qed jinzammu minnha fi stat traskurat immens u sahansitra mhijiex qed thallas il-kontijiet pendenti ta' dawl u ilma, bil-konsegwenza illi dan l-agir tal-konvenuta huwa ta' detriment serju ghall-werrieta l-ohra stante li qed inaqqsu mill-valur tal-assi ereditarji;*

h. *Illi inoltre, bit-trapass ta' zmien u nuqqas ta' kooperazzjoni minn-naha tal-konvenuta, il-valur tal-flus u investimenti mhollija mit-testaturi qieghed dejjem jonqos u l-atturi qed jigu mcahhda mid-dritt li jiehdu dak li haqqhom skond it-testment;*

i. *Illi dan kollu huwa rizultat tal-agir tal-konvenuta li bl-ebda mod ma ikkoperat sabiex jinqasmu l-assi ereditarji tal-genituri taghhom skond it-testment bi ksur tat-tmien artikolu tal-istess testment u konsegwentement, ai termini tas-seba' artikolu tat-testment fuq*

*imsemmi, l-werrieta ghandhom ikunu biss l-atturi fi kwoti indaqs bejniethom;*

*j. Illi l-atturi jafu b'dawn il-fatti personalment;*

*k. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

    i. Tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt għall-wirt tal-ġenituri tagħha Paul Micallef u Carmela Micallef stante li ma qagħditx għall-kundizzjonijiet imposti fit-testment *unica charta* magħmul minnhom fil-15 ta' Ġunju 2004 fl-atti tan-ntuar Dr Ivan Barbara;

    ii. Tiddikjara illi l-eredi universali ta' Paul Micallef u Carmela Micallef huma biss l-atturi David Micallef u Anton Micallef, u tagħtihom il-fakultajiet kollha neċessarji sabiex il-wirt jiġi likwidat u maqsum fi kwoti ndaqs bejniethom it-tnejn;

    Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, tlettax (13) ta' Jannar 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimata, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Il-konvenuta ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat nhar it-tmintax (18) t'April 2022, iżda naqset milli tippreżenta risposta ġuramentata fit-terminu lilha konċess;

6. Permezz ta' rikors datat tmintax (18) t'Ottubru 2022, il-konvenuta Mary Anne sive Miriam Micallef attentat tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, iżda

permezz ta' digriet datat sbatax (17) ta' Novembru 2022, din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuta, u ddikjarat lill-konvenuta fi stat ta' kontumaċja.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat ta' Anton Micallef u David Micallef datat ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2021, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) ċertifikat tal-mewt ta' Paul Micallef (**Dok A** a fol 5 tal-proċess); (b) ċertifikat tal-mewt ta' Carmela Micallef (**Dok B** a fol 6 tal-proċess); (c) kopja riċerki testmenti sigrieti ta' Paul Micallef (**Dok C** a fol 7 tal-proċess); (d) kopja riċerki testmenti pubbliċi ta' Paul Micallef (**Dok D** a fol 8 *et seq* tal-proċess); (e) kopja riċerki testmenti sigrieti ta' Carmela Micallef (**Dok E** a fol 11 tal-proċess); (f) kopja riċerki testmenti pubbliċi ta' Carmela Micallef (**Dok F** a fol 12 *et seq* tal-proċess); (g) kopja tat-testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara (**Dok G** a fol 14 tal-proċess);

8. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti permezz ta' nota datata tnejn (2) ta' Diċembru 2021, u cioe: (a) kopja ta' ittra maħruġa mill-Bank of Valletta plc u datata 14 ta' Ġunju 2007, li tindika l-kontijiet bankarji li kellu Paul Micallef kif ukoll ishma li kellu flimkien ma' martu Carmela Micallef (**Dok AX** a fol 23-24 tal-proċess); (b) kopja ta' statement maħruġ minn HSBC Bank Malta plc datat 21 ta' Lulju 2010 li jindika l-ammont li kellha Carmela Micallef fil-kont bankarju tagħha (**Dok BX** a fol 25 tal-proċess); (c) kopja ta' ittra maħruġa minn HSBC Bank Malta plc datata 23 ta' Marzu 2012, li tindika x'*term deposits* kellha Carmela Micallef sa dak iż-żmien (**Dok CX** a fol 26 tal-proċess); (d) kopja ta' ittra maħruġa minn Malta Stock Exchange plc datata 29 ta' Lulju 2020 li tindika ishma li kellhom Paul Micallef u Carmela Micallef (**Dok DX** a fol 27-28 tal-proċess); u (e) kopja ta' *statement of holdings* maħruġa minn Malta Stock Exchange plc datata 4 t'Awwissu 2020 (**Dok EX** a fol 29-30 tal-proċess);

9. Rat id-digriet mogħti waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2022 illi permezz tiegħu din il-Qorti laqgħet it-talba sabiex l-atti li jirrigwardaw lil

Anton Micallef jiġu trasfużi f'isem martu Melina Micallef, u dan stante illi l-istess Anton Micallef ġie nieqes fl-24 ta' Novembru 2021;

10. Reġgħet rat illi l-konvenuta ġiet personalment notifikata fit-tmintax (18) t'April 2022;

11. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-attur **David Micallef** waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2022[1], u rat iż-żewġ dokumenti minnu esebiti, u cioe **Dok DM1** ( a fol 57 tal-proċess) u **Dok DM2** (a fol 58 tal-proċess);

12. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-attriċi **Melina Micallef** waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju 2022[2], u rat it-tmien dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok MM1 sa Dok MM8** (a fol 65 *et seq* tal-proċess);

13. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Joanne Bartolo** in rappreżentana tal-**Bank of Valletta plc** prodotta mill-atturi waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2022[3], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok JB1 sa Dok JB29** (a fol 85 *et seq* tal-proċess);

14. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Miriam Azzopardi** in rappreżentanza tal-**Borża ta' Malta** prodotta mill-atturi waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2022[4], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok MA1 sa Dok MA4** (a fol 328 *et seq* tal-proċess);

15. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-**HSBC Bank Malta plc** prodotta mill-atturi waqt is-seduta tat-tlettax (13) t'Ottubru 2022[5], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok LA1 sa LA4** (a fol 348 *et seq* tal-proċess);

16. Rat ir-rikors tal-konvenuta Mary Anne sive Miriam Micallef datat 18 t'Ottubru 2022 illi permezz tiegħu attentat tiġġustifika l-kontumaċja, u r-

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 48 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 59 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 77 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 324 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 344 *et seq* tal-proċess

risposta tar-rikorrenti datata 26 t'Ottubru 2022, u rat id-digriet tagħha stess datat sbatax (17) ta' Novembru 2022, illi permezz tiegħu din il-Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuta, u ddikjarat lill-konvenuta fi stat ta' kontumaċja;

17. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Naomi Said Elmer** in rappreżentanza tal-**BOV Asset Management** prodotta mill-atturi waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[6], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok NSE1 u Dok NSE2** (a fol 420 *et seq* tal-proċess);

18. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Lorraine Attard** in rappreżentanza tal-**HSBC Bank Malta plc** prodotta mill-atturi waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[7];

19. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Nadine Magro** in rappreżentanza ta' **Trident Estates plc** prodotta mill-atturi waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[8], u rat id-dokument minnha esebit u mmarkat **Dok NM1** (a fol 428 *et seq* tal-proċess);

20. Rat il-kopja awtentika tat-testment *unica charta* tal-ġenituri tal-partijiet, esebit mir-rikorrenti u mmarkat **Dok CPZ1** (a fol 446 *et seq* tal-proċess);

21. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Rueben Bonnici** in rappreżentanza ta' **ARMS Ltd** prodott mill-atturi waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023[9], u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok RB1 sa Dok RB3** (a fol 455 *et seq* tal-proċess);

22. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Greta Camilleri Farrugia** in rappreżentanza ta' **Bank of Valletta plc** prodotta mill-atturi waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023[10], u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok GCF1 sa GCF3** (a fol 465 *et seq* tal-proċess);

[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 416 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 422-423 tal-proċess
[8] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 424 *et seq* tal-proċess
[9] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 450 *et seq* tal-proċess
[10] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 450 *et seq* tal-proċess

23. Rat illi, waqt l-istess seduta, din il-Qorti kkonċediet lill-konvenuta terminu sal-għoxrin (20) ta' Frar 2023 sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha permezz ta' nota[11];

24. Rat illi l-konvenuta baqgħet m'għamlet l-ebda sottomissjonijiet tagħha bil-miktub, minkejja t-terminu illi ġie lilha konċess[12];

25. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2023, a fol 476 *et seq* tal-proċess;

26. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

27. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. Stat ta' Kontumaċja*

28. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenuta fil-kawża odjerna;

29. Jirriżulta mill-atti illi r-rikors ġuramentat ġie notifikat lill-konvenuta personalment nhar it-tmintax (18) t'April 2022[13];

30. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

> *158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
>
> *[...]*

[11] Vide verbal tas-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2023, a fol 449 tal-proċess
[12] Vide verbal tas-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2023, a fol 475 tal-proċess
[13] Vide timbru tal-Marixxal fuq il-*folder* a fol 45 tal-proċess

*(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

31. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenuta kellha l-possibilta' illi tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqset milli tippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tagħha tar-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[14], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[15], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

[14] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[15] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

(4) *Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

(5) *L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

(6) *L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

(7) *Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

(8) *L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

32. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita'*

*ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

33. Fil-każ in eżami, il-konvenuta ma ppruvatx għas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqset milli tippreżenta r-risposta ġuramentata fit-terminu lilha konċess, u għalhekk din il-Qorti ddikjarat illi l-konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja[16];

34. In oltre, il-konvenuta dehret biss għal seduta waħda, cioe dik tat-tlettax (13) t'Ottubru 2022[17]. Saħansitra anke meta ġie konċess lilha terminu illi fih setgħet tagħmel is-sottomissjonijiet finali tagħha, il-konvenuta naqset milli tagħmel dan, u għażlet minflok illi tibqa' siekta;

35. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[18], fejn ġie senjalat illi:

*Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta'*

[16] Vide digriet datat 17 ta' Novembru 2022, a fol 411-412 tal-proċess
[17] Vide verbal tas-seduta tat-13 t'Ottubru 2022, a fol 75 tal-proċess
[18] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

*jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* ***Kollez. Vol. XXIX P III p 35****;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenuta qiegħda titqies bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tar-rikorrenti humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenuta naqset milli tirrispondi tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat, milli tattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti, u milli tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha.

*B. <u>Il-Mertu tal-Kawża Odjerna</u>*

36. Il-kawża odjerna tirrigwarda d-disposizzjonijiet testamentarji ta' Paul u Carmela konjuġi Micallef, fit-testment *unica charta* pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara nhar il-ħmistax (15) ta' Ġunju 2004. Id-disposizzjonijiet relevanti huma s-segwenti:

- **It-Tieni Artikolu**: *"It-testaturi jħallu b'titolu ta' prelegat, konsegwibbli wara l-mewt tagħhom it-tnejn, lit-tifla tagħhom Miriam Micallef, is-somma ta' tnax-il elf Lira Maltija (Lm 12,000), bis-sostituzzjoni ta' wlied u dixxendenti f'każ ta' premorjenza tal-legatarja għat-testaturi."*;

- **It-Tielet Artikolu**: *"It-testaturi jħallu b'titolu ta' legat konsegwibbli wara l-mewt tagħhom it-tnejn, lit-tifla tagħhom Miriam Micallef, l-użufrutt tar-dar tar-residenza tagħhom, jiġifieri d-dar tat-testaturi li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi jiġifieri l-effetti mobbli fl-istess dar, pero' esklużi minn dan il-prelegat il-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar."*;

- **Il-Ħames Artikolu**: *"It-testaturi jħallu b'titolu ta' legat, konsegwibbli wara l-mewt tagħhom it-tnejn, lit-tifla tagħhom Miriam Micallef, id-deheb kollu li jkunu jipposjedu fil-ġurnata tal-mewt tagħhom."*;

- **Is-Sitt Artikolu**: *"It-testaturi, salv dak fuq ordnat, sejrin jaħtru bħala werrieta universali tagħhom, padruni assoluti ta' l-assi ereditarji tagħhom lil uliedhom kollha mitwielda minn dan iż-żwieġ tagħhom ta' bejniethom, u li huma tlieta, u cioe: Miriam Micallef, David Micallef u Anton Micallef, fi kwoti ndaqs bejniethom, bis-sostituzzjoni ta' wlied u dixxendenti f'każ ta' premorjenza ta' xi wieħed mill-werrieta, u fin-nuqqas ta' dixxendenti bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom."*;

- **Is-Seba' Artikolu**: *"It-testaturi jridu u jordnaw illi jekk xi wieħed mill-werrieta jonqos milli jimmetti minnufih lis-superstiti fost it-testaturi fil-legati reċiproċi mħollija mill-istess testaturi fl-ewwel artikolu ta' dan it-testment, jew b'xi mod ieħor juri li ma jkunx irid joqgħod għax-xewqat tat-testaturi, kif hawn imfissra, allura dan il-werriet li jkun hekk naqas, jitlef kull dritt u benefiċċju minn dan it-testment, u jieħu biss il-leġittima, b'dan illi f'kull każ, Miriam Micallef ma tkun tista' titlef qatt il-legat imħolli għaf-favur tagħha fit-tieni artikolu ta' dan it-testment, u cioe l-użufrutt tad-dar tar-residenza tagħhom, jiġifieri d-dar tat-testaturi li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia" f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi jiġifieri l-effetti mobbli fl-istess dar, pero' esklużi minn dan il-prelegat il-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar."*;

- **It-Tmien Artikolu**: *"Hija x-xewqa espressa tat-testaturi li, wara l-mewt ta' l-istess testaturi, jirrenja spirtu ta' ko-operazzjoni u paċi bejn l-istess tfal tagħhom, fis-sens li David u Anton, aħwa Micallef, għandhom ikunu preżenti fil-ħajja ta' oħthom Miriam Micallef, filwaqt li jgħinuha f'dik li hi manutenzjoni ta' l-istess dar tat-testaturi li ser titħalla b'użufrutt lilha, u l-istess Miriam Micallef għandha tikkopera ma' ħutha*

*l-oħra waqt il-qsim u/jew bejgħ / trasferiment tal-proprejta' l-oħra kollha li ser titħalla lilhom mit-testaturi."*;

- **Id-Disa' Artikolu**: *"It-testaturi finalment qegħdin jaħtru u jinnominaw bħala responsabbli mill-ġbir ta' kirjiet, dividends fuq shares u ċnus tagħhom lit-tfal tagħhom David Micallef u Anton Micallef, in solidum bejniethom, bl-obbligu li jagħtu rendikont annwali lil oħthm Miriam Micallef."*;

37. Dwar interpretazzjoni testamentarja, ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Emanuel Buttigieg noe vs Anthony Cauchi pro et noe***[19],

> *i) Meta l-kliem fit-testment huwa ċar u ma jammettix dubbji ma hemmx lok għal ebda interpretazzjoni u wieħed jista' biss jeżamina jekk dak il-provvediment mit-tifsira normali tiegħu imurx kontra l-liġi jew le;*
>
> *ii) Meta jirriżulta dubbju dwar is-sens tal-kliem allura hemm lok għall-interpretazzjoni sabiex wieħed jasal għall-intenzjoni tat-testatur;*
>
> *iii) Fil-każ ta' tali interpretazzjoni wieħed għandu dejjem jassumi li l-intenzjoni tat-testatur kienet konformi mal-liġi;*
>
> *iv) Bħala norma wieħed għandu jasal għall-intenzjoni tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu u ma humiex ammissibbli provi oħra.*

38. Hekk kif tajjeb isostnu r-rikorrenti, mid-disposizzjonijiet testamentarji hawn riprodotti, ir-rieda tat-testaturi hija ċara: huma riedu illi jkun hemm sens ta' kooperazzjoni bejn l-aħwa, anke fil-qsim tal-wirt;

---

[19] Rik Nru 39/1992, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Novembru 2003. Ara wkoll Rik Nru 232/2015, ***Victor Fenech et vs Michael Fenech***, Qorti tal-Appell (Superjuri), 1 ta' Diċembru 2021

39. Sfortunatament, iżda, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw illi oħthom Miriam Micallef uriet illi ma riditx toqgħod għax-xewqat tat-testaturi, u dan billi konsistentement irrifjutat illi tikkopera sabiex issir il-qasma u jiġi kull wild immess fil-pussess ta' sehmu mill-wirt. Infatti:

a. **David Micallef**, mistoqsi għalfejn qatt ma resqu għad-diviżjoni tal-wirt, jgħid, *"Oħti Miriam, dejjem opponiet u xejn ma trid tiffirma, qatt ma kienet trid tippartecipa magħna."* Dwar il-kontijiet tal-bank tal-ġenituri tagħhom, ir-rikorrent jixhed, *"Xejn baqgħu il-bank għax ma kienx hemm tiffirma hi, ma riditx, bla firem ma jsir xejn hux."* Mistoqsi wkoll dwar jekk kienx hemm xi kuntatt mal-konvenuta da parti tar-rikorrenti sabiex issir id-diviżjoni, ir-rikorrent jgħid, *"Kemm-il darba iva, anke biex biegħet il-post ta' Birżebbuġa dejjem topponi, le le."*[20];

b. **Melina Micallef**, mistoqsija jekk kinitx taf xi ħaġa dwar il-wirt tal-kunjati tagħha, tgħid, *"Ovvjament ifhimni tant kien hemm commotion jiġifieri li Miriam qatt ma kkoperat, ifhimni dejjem hemm dik il-kommossjoni li Miriam qatt ma kkoperat magħhom."* Rigward il-kontijiet tad-dawl pendenti, tixhed, *"[D]an kienet qaltilhom niftakar, sija lil David u sija lil Anton, li apposta mhix qed tħallashom il-kontijiet biex iħallsuhom huma jiġifieri l-aħwa, apposta għamlitha hekk biex , għax il-dan qiegħed fuq il-papa' tagħhom bħala l-owner."* Finalment, imbagħad, mistoqsija jekk il-konvenuta qattx tat xi raġuni għall-inadempjenza tagħha, Melina Micallef tgħid, *"Le, sempliċement karattru tagħha, biex tgħidlek sempliċement le, il-karattru tagħha jiġifieri dejjem hekk kien, anke l-inqas sempliċement xi ħaġa sempliċi, argument, insulti, kif ħa naqbad nispjega? Theddid, anything, anke jekk ma nirrispondix it-telephone, tibda tgħajjar, lanqas hemm raġuni, ma hemmx raġuni valida."*[21];

---

[20] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2022, a fol 48 *et seq* tal-proċess

[21] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tagħha mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2022, a fol 59 *et seq* tal-proċess

40. Mill-ammont ta' kontijiet ta' dawl u ilma illi għadhom ma tħallsux fuq il-post preżentament abitat mill-konvenuta, u mill-i*statements* esebiti in atti kemm tal-kontijiet bankarji kif ukoll t'ishma f'isem it-testaturi illi għadhom miftuħa, din il-Qorti hija konvinta illi dak illi qed jiġi sostnut mir-rikorrenti għandu jitwemmen, stante illi ma kien ikun hemm l-ebda raġuni għalfejn il-partijiet ma jeħdux il-pass illi jagħlqu l-kontijiet kollha u jipproċedu sabiex kull wieħed minnhom jieħu sehmu, għajr per konsegwenza tan-nuqqas ta' kooperazzjoni ta' xi wieħed jew waħda minnhom, kif jidher illi kien il-każ fil-każ odjern;

41. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu akkolti, b'dana illi:

a. Il-konvenuta Miriam Micallef tgawdi b'titlu ta' legat l-użufrutt tad-dar li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi l-effetti mobbli fl-istess dar, pero esklużi l-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar;

b. Il-konvenuta Miriam Micallef tieħu l-porzjon riservat spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha skont il-liġi, u cioe sehem wieħed minn disgħa (1/9);

c. David Micallef u Anton Micallef jiġu dikjarati l-eredi universali tal-ġenituri tagħhom, b'sehem Anton Micallef jgħaddi għand martu Melina Micallef, illi hija l-eredi tiegħu;

Dan peress illi jirriżulta lil din il-Qorti illi Miriam Micallef naqset milli toqgħod għax-xewqat tat-testaturi, u dan billi ma kkoperatx ma' ħutha waqt il-qsim u/jew bejgħ/trasferiment tal-proprjeta' li tħalliet lilhom fit-testment mill-ġenituri tagħhom. Konsegwentement għandu jiġi applikat fil-każ ta' Miriam Micallef dak dispost mit-testaturi fis-Seba' Artikolu tat-testment tagħhom.

**Decide**

42. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt għall-wirt tal-ġenituri tagħha Paul Micallef u Carmela Micallef stante illi ma qagħditx għall-kundizzjoni imposta fit-Tmien Artikolu tat-testment unica charta magħmul minnhom fil-14 ta' Ġunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Ivan Barbara;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tar-rikorrenti u tiddikjara illi l-eredi universali ta' Paul Micallef u Carmela Micallef huma biss l-atturi David Micallef u Anton Micallef, u tagħtihom għalhekk il-fakultajiet kollha neċessarji sabiex il-wirt jiġi likwidat u maqsum fi kwoti indaqs bejniethom it-tnejn, inkluż billi tinnomina għal dan il-għan lill-Avukat Dr Josette Grech bħala kuratriċi deputata sabiex tidher għall-eventwali kontumaċi tal-konvenuta skont kif meħtieġ;

(iii) Għall-fini ta' kjarezza, tiddikjara illi l-konvenuta Miriam Micallef għandha: (a) tingħata l-użufrutt tad-dar li ġġib l-isem ta' "Blue Gardenia", f'C. De Brockdorff Street, l-Imsida, għal ħajjitha kollha, mill-għatba 'l ġewwa, kompriżi l-effetti mobbli fl-istess dar, pero esklużi l-flus kontanti, kotba tal-bank, dokumenti u titoli oħra li jirrappreżentaw flus, oġġetti tad-deheb, fidda u ħaġar prezzjuż, inkluż il-garage sottostanti għal din id-dar, u (b) tieħu l-porzjon riservat spettanti lilha mill-wirt tal-ġenituri tagħha skont il-liġi, u cioe sehem wieħed minn disgħa (1/9).

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**